PDF Compressor Pro





Waqt il-qsim tal-kejk tal-okkażjoni. Xi wħud minn dawk li jidhru, mix-xellug: George Calleja, Teddy Curmi, Joseph Bonnett, Mons George Tabone, Karmenu (ta' Ġiljosa), Marlene Galea, Fr Effie Masini, Leli Farrugia, Robert Attard, Salvinu Cremona, Joseph Borg, Gordon J Grech, Mario Galea, George Mizzi, Michael Portelli u Mark Farrugia. It-tfal li jidhru huma, Neville u Nathan Azzopardi, Katya Curmi, John Ellis, Gabriel Grima, Joseph Mario Grech u Joachim Grech

# Mons Manwel Curmi 50 Sena Saċerdot

Fit-18 ta' Marzu Mons. Manwel Curmi għalaq 50 sena saċerdot.

Nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu, Mons. Curmi mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-kappella ta' l-Oratorju Don Bosco fejn għal disa' snin sħaħ bejn is-sena 1972 u s-sena 1981 kien Direttur. Minn dak inhar 'l hawn għalkemm waqqaf u għadu jmexxi l-Fondazzjoni Arka, Dun Manwel għadu jiffrekwenta dan iċ-ċentru tat-tfal u taż-żgħażagħ u joffri l-għajnuna tiegħu skond il-bżonn.

Fil-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr li kienet animata mill-grupp *Straight Ahead*, id-direttur preżenti ta' l-Oratorju Dun Effie Masini, tkellem dwar "l-għatx" li għandu Kristu għall-bniedem li tant iħobb, liema għatx huwa rifless fil-ħidma tas-saċerdot. Dan l-"għatx" huwa dak li spira u mbotta lil Dun Manwel fil-ħidma pastorali tiegħu tul il-50 sena saċerdozju, speċjalment bħala viċi fil-parroċċi tar-Rabat, fil-ħidma tiegħu maż-żgħażagħ l-iktar fl-Oratorju u fuq kollox fid-dedikazzjoni tiegħu mal-persuni b'diżabbilità anke bit-twaqqif tal-Fondazzjoni Arka.

Fi tmiem il-Quddiesa Dun Manwel kien preżentat bi kwadru tal-fidda ta' San Ġwann Bosco padrun taż-żgħażagħ u b'għotja ta' flus, li min-naħa tiegħu Dun Manwel ir-reġalaha dak il-ħin stess lill-Oratorju.

Il-Quddiesa intemmet bil-bews ta' l-idejn.

Wara l-Quddiesa fil-*Foyer* tal-Oratorju saret bibita għal dawk kollha preżenti li matulha Dun Manwel qasam kejk ta' l-okkażjoni.



Dun Effie Masini, direttur tal-Oratorju Don Bosco jidher jippreżenta ritratt tal-istatwa ta' Don Bosco fi gwarniċ tal-fidda lill-Mons. Emanuel Curmi, fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa



Jidher Mark Anthony Cremona mir-Rabat ibus idejn Mons. Curmi, idejn midluka bil-balzmu. Warajh tidher oħtu Marija



Uħud minn dawk preżenti għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-kappella tal-Oratorju Don Bosco, fir-Rabat, Għawdex, f'egħluq il-50 sena saċerdozju ta' Mons Emanuel Curmi

## MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Uħud mill-membri tal-grupp Straight Ahead. Jidhru mix-xellug: Teddy Zammit (Guitar u Vocal), John Grima (Drums) u Mark Ellis (Bass Guitar)



Gordon Grech jidher waqt il-preżentazzjoni ta' envelop li kien fih 315 euro, lil Mons Emanuel Curmi. Flus miġbura minn xi żgħażagħ, liema envelopp malli Mons Curmi nduna x'kien fih, reġa' tahulhom lura u waqt illi rringrazzjahom, talabhom sabiex il-flus jużawhom għall-ħtiġiet tal-Oratorju, li tant għandu bżonn għajnuna. Jidher wkoll Emanuel Farrugia (xellug)



Mark Laurence Zammit jidher qed jaqra t-talb tal-Fidili. Agħmilha ukoll ta' animatur tal-quddiesa. Fir-ritratt jidhru wkoll, mix-xellug: Dun Effie Masini, Direttur tal-Oratorju Don Bosco, Mons Emanuel Curmi u Mons George Tabone




**Flats for Sale**

Msida Ta' Xbiex boundery, Three Modern Spacious flats
Close to Sea Front fully equiped, all furnished ready to rent.
All in spotless condition. Photos Available

***Price AUS$ 383,972.00***

*Please ring.*

**(02) 9604 2663** or **(02) 9604 4840**

*email guy1@go.net.mt*